Indħil Barrani fl-għażla ta' Kappillan taż-Żejtun

Kitba ta' Carmelo P. Baldacchino

Fis-snin 30 tas-seklu 19 kien inqala' nkwiet bejn il-Knisja ta' Malta u l-awtoritajiet Ċivili Ingliżi, li riedu jindaħlu fl-għażla tal-kappillani Maltin. Din kienet ir-raġuni għaliex fl-1834 il-Kan. Dun Pietru Pawl Ellul sar Vigarju Kurat u mhux Kappillan taż-Żurrieq, fejn qatta' erba' snin f'ħidma pastorali f'dik il-parroċċa. Sadanittant il-kappillan taż-Żejtun, Dun Bartolomew Sant miet fl-1837, iż-Żejtun bħaż-Żurrieq, safa mingħajr kappillan, u Dun Vinċenz Galea sar Vigarju Kurat taż-Żejtun.

Dun Pietru Pawl

Dun Pietru Pawl Ellul minn Bormla, innominat kappillan taż-Żejtun minn Mons. Franġisk Saverju Caruana, Isqof ta' Malta bejn l-1831-1847, fejn ħa l-pussess tal-parroċċa tagħna fl-4 ta' Marzu 1839, wara li kien irrinunzja għall-Kanonikat imwaqqaf minnu stess fil-kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Marija Immakulata ta' Bormla.

Iżda minkejja dan kollu, Dun Pietru Pawl Ellul ma sarx kappillan taż-Żejtun kif ġieb u laħaq. Qabel, hu kellu jirbaħ ċerti diffikultajiet u ċerta ansjetà mhux dejjem marbutin mal-ħatra tal-kappillan. Is-snin 30 tas-seklu IX f'Malta huma mfakkrin għall-kontroversja kbira u dejjiema bejn l-awtorità kolonjali u protestanta ta' Malta u l-awtorità tal-Knisja Maltija, dejjem immexxija f'dak li tagħmel u tiddeċiedi mill-Awtoritajiet fil-Vatikan. Il-kwistjoni kienet vitali. Fi ftit kliem, il-Gvern Inġliż ried jindaħal fil-għażla tal-Isqfijiet ta' Malta - kwistjoni li peress li kienu l-Isqfijiet li għażlu lill-kappillani Maltin, kellha wkoll effett, fil-għażla, in-nominazzjoni tal-kappillani u ż-żmien meta l-kappillan jieħu l-pussess tal-parroċċa. Ħaġa li mhux l-ewwel darba kkawżat prokrastinazzjoni u dewmien fin-nomina u l-pussess ta' xi kappillan. Hekk ġara fil-kas ta' Dun Pietru Pawl Ellul, kappillan taż-Żejtun, meta din il-kwistjoni kienet taħraq. Hu kellu sentejn biex jieħu l-pussess tal-parroċċa taż-Żejtun, li sar fl-4 ta' Marzu 1839 fejn dam fostna għal 22 sena sħaħ. Matul dan iż-żmien il-Q.T. il-Papa Piju IX, ikkonċeda fit-22 ta' Ġunju 1854, il-Permess tal-Uffizzjatura Proprja u Solenni għall-festa tal-Patruna tagħna Santa Katarina V. M. Bħala tifkira tal-mużew tal-parroċċa tagħna hemm kwadru bil-Kappillan Pietru Pawl Ellul iżomm din l-uffizzjatura f'idu waħda fil-waqt li bl-oħra qed jindika l-kampnar tal-parroċċa tagħna. Barra minn dan Dun Pietru Pawl Ellul baqa' msemmi għall-imħabba li kellu lejn il-fqar tal-parroċċa kif tgħid il-kitba li hemm taħt il-kwadru li semmejt.

Dun Pietru Pawl Ellul sar Monsinjur tal-Katidral fl-1861. Huwa ħalla dan il-wied tad-dmugħ fis-27 ta' Frar 1882.

In-Nomina tal-Isqof

L-għeruq tal-kwistjoni kienu niżlu wisq fil-fond, għaliex il-bidu kien imur lura numru kbir ta' snin. Kien ġej minn żminijiet antiki meta s-separazzjoni tal-Knisja mill-Istat, li kien ikun Nisrani ma kienet teżisti tista' tgħid xejn! Stat u Knisja kienu ħaġa waħda. Matul il-mijiet ta' snin il-Knisja ilha teżisti, l-Isfqijiet kien jintagħżlu b'modi differenti f'perjodi differenti tal-eżistenza tagħha.

Hekk fl-ewwel żminijiet tal-Knisja, l-għażla tal-Isqof tal-post kienet aktar demokratika milli hija llum! Kienet il-komunità lokali li tagħżel l-Isqof tagħha. Ngħidu aħna, bħala eżempju, fl-ewwel żminijiet kienu l-Maltin stess li jagħżlu l-Isqof tagħhom, u kienu r-Rumani stess li jagħżlu l-Isqof ta' Ruma. Iżda mal-mixja tas-snin l-għażla tal-Isqfijiet bdiet issir mill-awtoritajiet fil-Vatikan f'Ruma. Din id-drawwa tat ħafna setgħa lil Ruma, għaliex ikkonċentrat poteri kbar f'idejha. Fil-kas ta' Malta, Ruma kienet l-ewwel tikkonsulta l-kapitlu tal-katidral qabel tinnomina l-Isqof tal-post, iżda dejjem l-aħħar kelma kienet tkun tagħha. Għaddew is-snin. Fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530 - 1798)

kienu l-kavallieri stess li jissuġġerixxu tliet ismijiet ta' Kappillani tal-Ordni lill-Viċi Re ta' Sqallija, biex hu jagħżel wieħed minnhom. Din id-drawwa stramba kienet ġejja maż-żmien meta Malta kienet għadha parti minn Sqallija u mill-Imperu Ruman, u kien l-Imperatur Karlu V li ta l-Gżejjer Maltin lill-Ordni ta' San Ġwann. L-Imperatur issalvagwardja d-drittijiet tal-Viċi Re ta' Sqallija billi rabat lill-Ordni, u bħala konsegwenza lill-Knisja Maltija, b'din l-awtorità tal-gvern Siċiljan fuqha!

Il-knisja f'Malta kellha titqanna b'din l-assurdità matul iż-żmien tal-Kavallieri. Is-sabiħa hi l-Papa stess kellu jinnomina bħala Isqof ta' Malta lill-kandidat magħżul mill-Viċi Re ta' Sqallija! Fil-prattika dan kien ifisser li kien il-Viċi Re ta' Sqallija li jagħżel lill-Isqof ta' Malta - dejjem wieħed minn tlieta kandidati mressqa mill-Ordni tal-Kavallieri. Ma ninsewx li l-Ordni ta' San Ġwann kienet Ordni Reliġjuża, hi wkoll taħt l-awtorità tas-Santa Sede:

Żmien l-Ingliżi

L-Ingliżi ġew Malta fl-1800 u kien biss fl-1814 li huma stabilew ruħhom fiċ-ċert f'dawn il-Gżejjer. Thomas Maitland kien wieħed mill-Gvernaturi Ngliżi f'Malta; tant kien iebes li l-Maltin kienu jsejħulu "King Tom". Naturalment l-Ingliżi riedu li huma jkollhom l-istess poter tal-gvernijiet ta' Malta ta' qabilhom u dan ifisser li huma wkoll ikollhom sehem kbir fl-għażla tal-Isqof ta' Malta. L-ewwel ma għamlu kien li nsistew li l-Isqof ta' Malta jkun Malti. Tidher ħaġa f'postha u ġusta. Ir-raġuni kienet li peress li t-tliet ismijiet proposti mill-Kavallieri tal-Ordni kienu aktarx ġejja mill-Kappillani tal-Ordni, u dawn aktarx li kienu jkunu barranin, kien jiġri li l-Isqof ta' Malta kien ikun barrani u mhux Malti! Għalhekk fis-sena 1807 Mons. Ferdinando Mattei mill-Isla, intagħżel Isqof ta' Malta u hekk kien l-ewwel Isqof Malti fi żmien l-Ingliżi. Dan ġara wara l-mewt tal-Isqof Labini, li allura kien l-aħħar Isqof barrani f'Malta. Iżda kienet kumbinazzjoni li Ferdinandu Re ta' Sqallija għamel użu mill-poter qadim tiegħu li jippreżenta isem min jogħġob lilu lil Ruma!

Fl-1812 iżda l-Kummissjoni Rjali Ngliża rrakomandat li dan il-privileġġ li l-gvern Sqalli kellu li jinnomina l-Isqof ta' Malta, jiġi abolit. Iżda r-Re ta' Sqallija ma tantx ċeda malajr dan il-privileġġ.

Il-kwistjoni saħnet sewwa wara l-mewt tal-Isqof Ferdinando Mattei fis-sena 1829, b'konsegwenza li l-Knisja ta' Malta baqgħet għal sentejn sħaħ (1829 - 1831) mingħajr Isqof. Fl-aħħar is-Santa Sede għażlet bħala Isqof ta' Malta lil Dun Francesco Saverio Caruana, il-kandidat ippreżentat mill-Gvern Ingliż. Hekk il-privileġġ tar-Re ta' Sqallija għadda f'idejn il-Gvern Ingliż. Meta fl-1843, il-Papa Girgor XVI xtaq li jinnomina kuġitur tax-xwejjaħ Isqof Caruana, il-Gvern Ingliż ma riedx li ssir ebda nominazzjoni mingħajr il-kunsens tiegħu. Kienet inħolqot sitwazzjoni kerha għall-Knisja Maltija: l-għażla tal-Isqof għal Malta kienet tiddependi mill-kunsens ta' Gvern Protestant. Il-Knisja ħasset ġustament li dan kien indħil barra minn postu. Kien hemm min tħajjar li l-Isqof ta' Malta jkun Ingliż.

Il-Papa Piju IX kompla fejn ħalla l-predeċessur tiegħu, billi njora l-kandidati kollha ppreżentati mill-Gvern Ingliż, u nnomina lill-Mons. Publio Maria Sant kuġitur bi dritt ta' suċċessjoni. Għall-ewwel il-Gvern Ingliż oġġezzjona, iżda wara rtira din l-oġġezzjoni, u Mons. Sant sar Isqof ta' Malta. Il-Gvern Ingliż dehrlu li aħjar ma jibqax jindaħal fi kwistjonijiet bħal dawn li jirrigwardjaw lill-Knisja lokali, iżda ried iżomm il-Veto, li bih seta' joġġezzjona għal xi kandidat li lilu ma jogħġbux. Il-kwistjoni ġiet solvuta biss fis-sena 1890 bi ftehim bejn il-Kardinal Rampolla u Sir Lintorn Simmons. Skont dan il-ftehim, l-għażla tal-Isqof għall-Maltin kellha ssir mis-Santa Sede wara li l-Gvern Ingliż ikun infurmat bl-isem tal-kandidat. Hekk wara 800 sena ta' ndħil mill-awtoritajiet barranin fl-għażla tal-Isqof ta' Malta, fl-aħħar din l-għażla saret uffiċjalment ħielsa minn indħil lajk u barrani. Din il-libertà naturalment kellha l-konsegwenza li bħala Isqof ta' Malta jintagħżel is-saċerdot li jkun l-aktar addattat spiritwalment u kulturalment.

Ħajr lill-Kan. Joe Abela tal-għajnuna siewja tiegħu.